MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA**

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2011

Numru. 48/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**
**David Kitcher, 36 sena, bin Mario u Victoria nee' Gafa',**
**imwieled Pieta', nhar l-14 ta' Awwissu, 1974, residenti fil-fond numru Trieste, Block 1, Flat 1B, Qbajjar Road, Marsalforn, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 147975(M)**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi David Kitcher li gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer nhar il-24 ta' April 2011, ghal habta ta' bejn id-disgha u ghoxrin u l-ghaxra u ghaxra ta' bil-lejl (21:20 – 22:10hrs), gewwa Marsalforn (Zebbug) kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta' provizorja imposti mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) preseduta mill-Magistrat

Dr. P Coppini LL.D. fit-13 ta’ April, 2011 fuq garanzija personali ta’ €1000.00 f’dan illi ma jersaqx, jkellimx jew idejjaq lil Rita maghrufa bhala Marita Borg (ID no 386784M) kontra l-limitazzjonijiet imposti f’dan id-digriet u dan bi ksur tal-artikolu 579(2) tal-Ligijiet ta’ Malta;

Il-Qorti giet mitluba li tirrevoka l-helsien mill-arrest tal-imsemmi David Kitcher u tordna l-arrest mill-gdid ttal-imsemmi imputat kif stipulat fl-artikolu 579(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;
Ikkunsidrat;

Illi b’digriet moghti minn din il-Qorti kif diversament ippreseduta tat-13 ta’ April, 2011, l-imputat inghata l-liberta’ provizorja bil-kundizzjoni illi huwa bl-ebda mod ma javvicina jew jikkomunika ma’ Marita Borg. Illi di piu’ l-imputat inghata l-liberta’ provizorja b’din il-kundizzjoni f’akkuzi illi huwa kiser l-ordni ta’ protezzjoni kif imposta minn din il-Qorti kif ippreseduta;

Illi mill-provi mismugha jirrizulta illi fil-gurnata in kwistjoni l-imputat kellem lil Marita Borg kif jammetti huwa stess fix-xhieda tieghu. Illi jirrizulta illi ghalkemm l-imputat kien jaf illi huwa ma setax javvicina lil Marita Borg, meta dahal fil-post fejn kienet dina Borg, huwa flok ghazel illi jitlaq ’il barra baqa’ hemm gew u ghazel ukoll li javvicinaha u jkellimha;

Illi bla ebda dubbju dan huwa ksur lampanti ta’ ordni imposta fuq l-imputat minn Qorti, ordni li l-imputat ghazel li jikser minn jeddu minghajr ebda imposizzjoni fuqu minn terzi persuni;

Illi mill-fedina penali tal-imputat jirrizulta illi l-imputat ilu jaghti fastidju lill-istess Marita Borg u donnu ma jridx

jifhem il-konsegwenzi tal-azzjonijiet tieghu. Kwindi dina l-Qorti ma tistax hlief timponi piena karcerarja effettiva;

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikolu 579(2)(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghall-perijodu ta’ erba’ (4) xhur prigunerija;

Finalment il-Qorti qed tirrevoka d-digriet tat-13 ta’ April, 2011, moghti minn din il-Qorti kif diversament ippreseduta fejn l-imputat gie moghti l-beneficcju tal-helsien mill-arrest.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------